**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 30/2012

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Spiridione Zammit)

**kontra**

**JOSEPH BARBARA**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 36291(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Joseph Barbara** ta' ghoxrin (20) sena bin Joseph u Antonia nee Gauci imwieled Pieta' fl-10 ta' Dicembru 1990 u joqghod Maria Annunzjata No. 53, Triq Bir L-Gheliem, Hal Tarxien detentur tal-karta ta' l-Identita' b'numru 36291M, akkuzat talli xhur qabel it-30 ta' Lulju 2011 f'Rahal Gdid u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer;

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew

ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikati fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifatura jew li forni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali mod li ma kinitx ghal uzu eskussiv tieghu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat u Semghet ix-xhieda;

[1] Fol. 4 tal-atti processwali

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li fit-30 ta' Lulju 2011 ghall-habta tal-5.45pm il-pulizija giet infurmata b'mod anonimu li gewwa Wied Blandun gewwa r-Rahal il-Gdid kien hemm xi guvintur u tfajliet li jista jkun qed jabbuzaw minn sustanzi illeciti gewwa l-vettura tal-marka Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAA 392. Zewgt ufficjali tal-pulizija marru jaghmlu ispezzjoni fl-inhawi fejn sabu l-imsemmija vettura maghluqa bl-ebda persuna go fiha filwaqt li magenba sabu lil Raquela Abela, Keith Falzon, Chris Briffa, Clayton Cachia u Joseph Barbara. Galadarba l-vettura kienet tghajjat lil Keith Falzon saret tfittxija fl-istess vettura fil-prezenza tieghu, fejn fil-glove compartment instabu madwar nofs gramma trab suspettat eroina, citric acid go flixkun tal-plastic, kuccarina mahruqa, bott zghir, flixkun zghir b'likwidu trasparenti u mizien zghir. Dawn l-oggetti kienu go pouch iswed. Keith Falzon stqarr mal-pulizija li dawn l-oggetti ma kienux tieghu izda ta' shabu. Minn tfittxija fuq il-persuna ta' l-individwi hawn fuq imsemmija tat rizultat fin-negattiv salv ghal fuq il-persuna ta' Raquela Abela li fil-handbag taghha instabu ghaxar siringi godda. Dawn il-hames persuni gew arrestati.

Fil-kors tal-investigazzjoni li saru fil-konfront ta' Barbara, partikolarment waqt l-istqarrija li huwa rrillaxxa stqarr li l-oggetti misjuba fil-vettura kienu tieghu u li kien ilu jbiegh l-eroina ghal dan l-ahhar xahar u dana sabiex itaffi mill-piz finanzjarju tal-uzu tieghu mill-eroina.

Minn tfittxija li kienet saret fir-residenza tal-imputat, senjatament gewwa l-kamra tas-sodda tieghu instabu siringi uzati, pakkett tas-citric acid kif ukoll pipa tal-hgieg. Jirrizulta li dak iz-zmien Barbara kien soggett ghall-kundizzjonijiet ta' helsien ta' arrest in konnessjoni ma proceduri fuq feriment ta' persuna.

Raquela Abela giet imharrka bhala xhud mill-prosekuzzjoni madanakollu ghazlet li ma tixhidx galadarba kien ghad kellha proceduri pendenti fil-konfront taghha b'rabta mal-fatti tal-kaz odjern.

Keith Falzon gie ngunt ukoll bhala xhud tal-prosekuzzjoni wara li ntemmu definittivament il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu u bil-gurament

ikkonferma li darba f'Lulju tas-sena 2011 huwa, Barbara, Abela u Briffa kienu gewwa gnien ir-Rahal il-Gdid meta marru l-pulizija fuqhom. Spjega kif il-pulizija ghamlu tfittxija fil-karozza tieghu u sabu xi affarijiet li ma kienux tieghu. Falzon ikkonferma li qabel wasslu l-pulizija fuq il-post huwa kien ikkonsma s-sustaza eroina bl-uzu tas-siringa waqt li kien hemm Raquela mieghu. Falzon jghid bil-gurament li din is-sustanza kien xtraha minghand Joseph Barbara. Jghid li huwa kien xtara ammont zghir bil-ghan li jikkkonsmah dakinhar stess. Jghid li l-oggetti relatati mad-droga li nstabu ma kienux tieghu izda kienu ta' Joseph Barbara. Jghid ukoll li lanqas kien konsapevoli li dawn kienu fil-vettura tieghu. Jghid li kien jaf li kienu ta' Barbara ghax gieli rahom ghandu qabel. Jghid ukoll li dik kienet l-ewwel darba li xtara d-droga minghandu u li huwa ma tantx kien ilu jabbuza mill-imsemmija sustanza.

Chris Briffa u Clayton Cachia xehdu ukoll fil-proceduri odjerni. Kkonfermaw li dakinhar kienu flimkien ma Abela, Falzon u l-qua imputat imma ma taw l-ebda informazzjoni li b'xi mod tista' tohloq nes bejn il-qua imputat u l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2014, id-difiza iddikjarat li hemm qbil li s-sustanza elevata mill-pulizija kienet effettivament eroina u li ma kien hemmx il-htiega li jitqabbad espert bil-ghan li jigi kkonfermat dan.

<u>Kwistjoni Preliminari</u>

I. Ne bis in idem

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu l-abbli difensur argumenta li l-imputat ma jistghax jinsab hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu galadarba huwa kien diga nstab hati b'sentenza tal-1 ta' Novembru 2011 ghal reati simili li sehhew fl-istess perjodu. Manadanakollu minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li din il-lanjanza qamet qabel mid-difiza u lanqas ma jirrizulta li gew ipprezentati provi in sostenn ta' dan. Fil-fatt lanqas ma giet ipprezentata s-sentenza definitiva li biha l-qua imputat qed jallega ne bis in idem. Illi ormai huwa principju assodat fil-kazistika tal-Qrati Kriminali li min jallega jrid jipprova. Bir-rispett kollu ma tistax xi parti jew ohra taghmel allegazzjoni bhal din minghajr ma tressaq l-ebda prova in sostenn taghha. Dan qed jinghad il-ghaliex fil-gudizzju taghha din il-Qorti hija tenuta li tistrieh biss fuq dak li jirrizulta mill-atti processwali u xejn izjed. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti qed tirrispringi din il-lanjanza.

## II. Stqarrija tal-imputat

Illi fl-udjenza tal-4 t'April 2022, id-difiza talbet ghall-isfilz tal-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat fl-istadju tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija. Dana l-ghaliex il-qua imputat ma kienx assistiet legalment waqt l-imsemmi interrogatorju u lanqas ma gie offrut dan id-dritt. Mill-atti processwali jirrizulta li din l-istqarrija giet irrillaxata nhar il-31 ta' Lulju 2011 lill-ispettur Spiridione Zammit fil-prezenza ta' PC864 D. Cassar u dana wara li l-imputat inghata bizzejjed informazzjoni dwar id-dritt tas-silenzju. Jidher ukoll mill-atti processwali li huwa gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali qabel it-tehid tal-istqarrija ghall-massimu ta' siegha. Barbara jidher li rrifjuta dan id-dritt u in sostenn ta' dan iffirma dikjarazzjoni (SZ4[2]) fil-prezenza ta' WPS 167 Justine Grech. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jiggustifikaw il-fatt li l-imputat ma giex moghti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Fil-fatt hu nghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat limitament ghall-perjodu ta' siegha qabel il-bidu tal-istqarrija. Konsegwentament jirrizulta li l-unika raguni l-ghaliex il-qua imputat ma giex mghoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija kienet li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan it-tip ta' dritt imma kienet tipprovdi li l-imputat jinghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat limitament ghall-perjodu ta' siegha qabel it-tehid tal-istqarrija. Min qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu rigward l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu ghalkemm l-istess stqarrija ma hijiex l-unika prova fil-konfront tieghu. Irid jinghad ukoll li dak iz-zmien il-fedina penali tieghu kienet wahda netta u konsegwentament jirrizulta li din setghet kienet l-ewwel darba li l-qua imputat gie arrestat in konnessjoni ma droga. Din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[3]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti xorta ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

---

[2] Fol. 16 tal-atti processwali.

[3] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

B. Kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-qua imputat Joseph Barbara gie akkuzat li traffika d-droga eroina. Jekk wiehed jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Keith Falzon jirrizulta car li minn tal-inqas f'okkazzjoni wahda Barbara kien biegh, traffika u ghadda s-sustanza illecita tal-eroina lill-imsemmi Falzon. Minn qari tal-istess xhieda jirrizulta car li l-imputat ikkonsma din is-sustanza ma Raquela Abela u mhux fil-prezenza tal-qua imputat. Fil-fatt Falzon jixhed li huwa kien xtara din is-sustanza iktar kmien dakinhar stess. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata anke jekk f'ammont minimu li Falzon jixhed li kkonsma f'okkazzjoni wahda biss.

In kwantu ghat-tieni imputazzjoni jirrizulta li Barbara jinsab akkuzat b'pussess aggravat tas-sustanza eroina u cioe' li kien fil-pussess ta' din is-sustanza f'cirkostanzi li jindikaw li din is-sustanza ma kinitx intiza unikament ghall-uzu esklussiv tieghu. Fl-ewwel lok, permezz tax-xhieda ta' Falzon jirrizulta pruvat li l-pouch iswed li kien kontenenti s-sustanza eroina kien effettivament tal-imputat. Tenut kont dak li nghad iktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u cioe' li kien propju l-imputat li ghadda d-droga eroina lil Falzon u tenut kont li Barbara kien fil-prezenza ta' numru ta' zghazagh fejn minn tal-inqas tnejn minnhom ikkonsmaw is-sustanza eroina dakinhar stess (dejjem skond dak li qal Falzon), din il-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni giet ukoll sodisfacentament ippruvata minkejja l-ammont minimum ta' sustanza li nstabet.

C. Kunsiderazzjonijiet ai fini ta' Piena

In kwantu ghall-piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjoni li taghha il-qua imputat qed jinsab hati, n-natura u l-ammont minimum ta' droga involuta, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat.

Qieset ukoll li nhar is-17 ta' Frar 2020 din il-Qorti (diversament ippreseduta) assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga. Rat ix-xhieda kollha prodotta mid-difiza in sostenn tat-talba taghha sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga, fejn mill-istess xhieda jirrizulta car li l-qua imputat kien mifni bil-vizzju tad-droga li r-reati odjerni li taghhom ser jinsab hati kienu sostanzjalment attribwibbli ghall-istess dipendenza galadarba jirrizulta li huwa kien jitraffika d-droga sabiex imantni l-vizzju tieghu.

Rat ukoll in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ipprezentata fl-10 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema din il-Qorti giet

infurmata li l-Bord kien ghalaq il-kaz ta' Barbara b'success u dana wara li l-imputat kien impenja ruhu sabiex izomm ferm mal-pjan imfassal ghalih mill-professjonisti. Rat ukoll l-ahhar rapport mill-Caritas li jindika b'mod car li Barbara zamm konsistenza assoluta fl-attendenza ta' sessjonijiet individwali u anke fil-kampjuni tal-urina taht supervizzjoni ta' staff maskili fil-bini tal-Caritas Outreach. Dawn il-kampjuni dejjem taw rizultat negattiv ghal sustanzi illeciti. Fil-fatt fix-xhieda taghha, Maria Caruana, rapprezentanta tal-Caritas, irrimarkat li ormai l-imputat ilu sentejn b'urines negattivi kull gimgha. Dan fil-fehma tal-Qorti juri bic-car li l-qua impenja ruhu bis-shih sabiex jeghleb il-vizzju tieghu ta' sustanzi illeciti.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat kif ukoll ix-xhieda tar-registratur tal-Qorti li kkonferma li l-proceduri odjerni huma l-unici proceduri li l-qua imputat ghad ghandu pendenti quddiem il-Qrati tal-Gustizzja.

Fid-dawl tax-xhieda tar-registratur issir referenza ghal dak stipulat fl-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*
>
> *Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*

Illi qari *ad literam* ta' dan is-subartikolu jista' jaghti x'jifhem li l-Qorti ma jkolliex l-obbligu li tapplika l-piena mandatorja ta' prigunerija f'kaz biss li din il-Qorti ssejjah lura kazijiet li kwalunkwe imputat jistgha jkollu pendenti u dan fit-termini tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537. Il-ligi hija kompletament silenzjuza ghal dak li ghandu jigri f'kaz li l-imputat, hekk kif inhu fil-kaz odjern, ma jkollux kazijiet ohra pendenti[4].

Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:

[4] Ara f'dan is-sens il-verbal maghmul fl-udjenza ____.

*"L-iskop ta' din il-liġi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jingħataw ċans ieħor mis-soċjetà, se jingħataw ċans ieħor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Priġunerija" jindika dan.".* [5]

Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:

*"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess sempliċi u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa għandna ċirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juża d-droga għalih imma għandu ammont ta' drogi li għalkemm ma ġiex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jeħodhom kollha hu. … Dawn għandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibigħuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jiġu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jiġu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-ħabs bilfors b'minimu ta' sitt xhur priġunerija. Jista' ħareġ mill-vizzju, jista' qed jgħallem il-Caritas u jista' jkun qed jagħmel xogħol enormi fis-soċjetà, għax dak irid imur il-ħabs bilfors.*

*Aħna qed ngħidu li f'dik iċ-ċirkostanza rridu nagħtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li għandha l-intenzjoni li toħroġ mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza tagħha, <u>tgħajjat il-kawżi kollha li għandha l-persuna, jiġifieri jekk din għandha kawża oħra ta' serq - għax dawn ħafna drabi jkollhom kawżi oħrajn – tagħtiha sentenza waħda li mhux bilfors tkun ħabs.</u> Eliminajna xi każijiet li ma jistgħux jingħajtu bħal, pereżempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan daħal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bħala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan ħareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux ħabs. Qed nagħtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' ħabs bilfors."*[6]

Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal ligi, nghad ukoll:

*"…il-Qorti tittrasforma ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkużat ma jeħilx il-ħabs, però tfisser li l-qorti jkollha*

[5] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014
[6] Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014

*dritt tibagħtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-soċjetà li lest joħroġ mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment joħroġ mill-vizzju wara li l-Bord jgħid li effettivament ħareġ, dan l-akkużat jerġa' jiġi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibagħtu l-ħabs jew tagħtih piena li mhux bilfors il-ħabs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed nagħtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fiċ-ċirkostanzi jekk tibagħtux il-ħabs jew le wara li jiġru dawn l-affarijiet kollha li semmejt.*

*Irrid ngħid ukoll li jekk dan l-individwu għandu reati oħrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jiġifieri jekk dan ta xi xebgħa lil xi anzjana, jew daħħal id-droga l-ħabs, jew biegħ id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistgħu jiġu attirati quddiem din il-qorti u tagħti sentenza waħda li ma tkunx bilfors ta' ħabs. Il-qorti tara hi jekk tibagħtux il-ħabs jew le. Naħseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."*[7]

Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jistgha jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga.

Stabbilit dan, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, fejn:

(a) ir-reati li taghhom ser jinsab hati huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza li l-qua imputat kellu dak iz-zmien tar-reat odjern; u

---

[7] Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015

(b) l-imputat irnexxielu jeghleb id-dipendenza fuq sustanzi lleciti huwa riforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga,

Din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 hekk kif sussegwentament emendat, **qed issib lil Joseph Barbara hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.**

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur